# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

It-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Ċutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph BaldACċhino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Greċh (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Ċaruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (7)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sinjorina Miċhaela Maria Ċhirċop (MMĊ) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetliċk Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Ċutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

54.1.1. Is- Sindku JC informa li l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ Lokali Miċhaela Maria Ċhirċop ma setgħatx tkun preżenti u talbet li tkun skużati.

54.1.2. Il-membri preżenti unanimament ACċettaw l-apoloġija.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

54.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tlieta u ħamsin (53) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

54.2.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 53.2.4 u talab li jiżdied it-test "Huwa rrimarka li sakemm ma jkollux il-lista, għalih il-Freeport għad għandu jagħti bejn €700,00 u €800,00 f'ĊSR" wara l-kelma żviluppi. Il-Kunsill qabel.

54.2.1.2. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-materja 53.2.13.1 u talab li jiżdied it-test "mis-Sindku JC" wara kelma kompost. Il-Kunsill qabel.

54.2.1.3. Il-Viċi Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun

Favur: 5 (JB, LAG, JBD, SZ, JBO)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (JC,AC)

54.2.2. Il-Kunsillier AC staqsa dwar materja 53.2.11. Huwa kien infurmat li dawn huma ħadid fit-tarf tal-bajja tal-Qajjenza u li ġew irrapportati lill-MTA

54.2.3. Il-Kunsillier AC staqsa dwar materja 53.2.12. Huwa kien nfurmat li dan jirrifletti l-l-ispazju tal-Enemalta (ex-impjant tal-Gass), u r-rapport kien dwar tindif u użu aħjar tal-ispazju.

54.2.4. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 52.3.14, u staqsa jekk hemmx rendikont tal-attivita', u dwar il-laqgħat li saru.

54.2.4.1. Is-Sindku informa li l-attivita' inżammet bħas-sena ta' qabel, bl-ispejjeż kienu ridotti. Is-Sindku informa li laqgħat saru bħas-sena ta' qabel.

54.2.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rendikont finanzjarju ser jintbagħat lill-membri tal-Kunsill hekk kif jidħlu l-fatturi kollha.

54.2.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 53.3.6.2 u irrimarka li l-ħaddiema tal-Kunsill xorta għadhom inaddfu. Huwa rrimarka li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Kuntrattur.

54.2.5.1. Is-Sindku informa dwar il-bżonn ta' flessibilta' u bilanċ. Huwa qal li l-ħaddiema jintbaghtu fuq tindif addizjonali ma' dak li jagħmel il-Kuntrattur.

54.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 53.4.8 li tirrigwarda l-by-pass ta' Triq il-Port Ħieles. Huwa reġa' qal li dawn mhumiex immarkati fuq il-pjanti tal-PA.

54.2.6.1. Huwa kien infurmat li l-pjanti tal-PA jimmarkaw b'mod ċar il-linji tat-toroq, immarkati b'linji ta' kulur blu.

54.2.6.2. Il-Kunsill qabel li tintbagħat talba lil Transport Malta, għall-pjanta uffiċjali tal-by-pass.

54.2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 53.2.2 li tirrigwarda *bollards* quddiem Triq iż-Żejtun u staqsa fhiex wasal il-proġett.

54.2.7.1. Huwa kien imfakkar li dan huwa proġett propost fil-passat minn Transport Malta u għalhekk intbagħtu numru ta' *reminders*. Huwa kien imfakkar ukoll li fil-preżent hemm pjanati xogħlijiet fi Triq Għar Dalam li mistennija jibdew fil-futur qarib, u għalhekk wieħed jistenna li dawn isiru wara li jitlesta x-xogħol. Il-Kunsill kien infurmat ukoll li qed jiġi kkoordinat survey minn Triq Salvatore ĊAChia Zammit sa Triq Herakles, sabiex isir Traffiċ Management għaż-żona kollha.

54.2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 53.2.15 li titratta talba għal-laqgħa mal-Ministru Konrad Mizzi. Huwa talab biex fil-laqgħa jiġu diskussi

a) Jekk il-kwantita ta' / tul tal-boom u jekk dawn humiex biżżejjed
b) Jekk il-boom ma tiġiex użata bħala prekawzjoni, jew inkella wara li jsir inċident.
c) X'passi qed jittieħdu fuq in-*noise pollution*.

54.2.8.1. Is-Sindku JC informa li dawn il-mistoqsijiet diġa' qegħdin imweġbin fil-minuti tal-laqgħat li jsiru mal-EMĊ tal-Freeport, u li huma ċċirkolati mal-Kunsilliera.

54.2.8.2. Il-Kunsillier SZ staqsa wkoll jekk il-vapuri hux ser jigu fornuti bl-elettriku.

54.2.8.3. Huwa kien infurmat li provvista tad-dawl twasslet, iżda din tista' tintuża biss, meta l-vapuri jkunu preparati u modifikati biex jieħdu d-dawl mill-portijiet, u mhux permezz tal-ġeneraturi.

54.2.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 53.2.5 li tirrigwarda l-pjanti tat-toroq fiż-żona tal-Ghirghien, u staqsa jekk hemmx pjan tat-toroq u *storm water ċulverts.*

54.2.9.1. Huwa kien infurmat li t-toroq huma kif delineati fuq is-sit tal-Planning Authority, iżda ser issir riċerka fuq pjanar ta' *storm water ċulverts.*

54.2.10. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 53.2.6 li tirrigwarda servizzi fiż-żona tal-Girgħien mgħoddija minn taħt il-wiċċ tat-triq/bankina.

54.2.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Enemalta kkonfermat li hija lesta li tgħaddi s-servizzi minn taħt, a spejjeż tagħha, jekk jiġi provdut lilhom il-kanal neċessarju (mhux a spejjeż tagħha).

54.2.10.2. Il-Kunsill qabel li r-residenti jiġu nfurmati b'dan.

54.2.11. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 53.2.13 li tirrigwarda l-għoti ta' unuri ta' Jum Birżebbuġa,, u fakkar dwar il-bżonn tar-rapport imsemmi.

54.2.11.1. Is-Sindku informa li r-rapport qed isir u ser jiġi ċirkolat.

54.2.12. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 53.4.5 li titratta dwar id-dawl taż-*Zebra Ċrossing* ta' Misraħ il-Knisja. Huwa informa li ser jieħu ħsieb li ssir l-applikazzjoni neċessarja.

54.2.13. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 53.4.7.1 li titratta xogħlijiet pendenti mill-kuntrattur tal-Kunsill. Huwa kien infurmat li ma kienx hemm żviluppi. Il-Kunsill qabel li l-Kuntrattur jingħata l-aħħar twissija, u jekk ma jaderixxix, tinġibed il-garanzija bankarja.

54.2.14. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 53.10.1 li titratta *Residential Parking* u *Timed Parking*. Huwa rrimarka li r-risposta kienet li l-applikazzjoni lanqas biss ġiet milqugħa.

54.2.14.1. Huwa kien infurmat li tali applikazzjonijiet ilhom ma jintlaqgħux.

## 54.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

54.3.1. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza li titratta l-Programm Bongu Bus, fejn qed jiġi propost li l-programm jinżamm bejn is-6 u l-10 ta' Mejju 2019.

54.3.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament

54.3.2. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza riċevuta mill-Kulleġġ San Benedittu, Kirkop, fejn offrew lill-Kunsill sabiex jipparteipa fil-*magazine* tal-Kunsill, u dan billi jesebixxi ritratt ta' post kulturali tal-lokalita', u jaghti ftit dettalji fuqu.

54.3.2.1. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa, u għalhekk javviċina lill-Għaqda Storja u Kultura għal dan il-għan.

54.3.3. Is-Sindku JC informa dwar proposta ta' Automated Teller MAChine (ATM) fil-Qajjenza. Huwa ssuggerixxa li ssir waħda f'Wesgħa Ramon Perellos.

54.3.3.1. Il-Kunsill qabel dwar il-proposta, kif ukoll qabel dwar il-possibbilta' li ssir wahda fiż-żona tal-Papa.

54.3.4. Is-Sindku JC ressaq Ċirkolari SPI 12/2018 – Skema Finanzjarja Favur il-Komunita' – Ħajja Aħjar b'Eżerċizzju Fiżiku u Sports.

54.3.4.1. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni f'din l-iskema bl-ispiża tkun il-massimu allokat f'din l-iskema (€3,000). Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Responsabbli mill-isport (Is-Sindku JC) jipprepara programm u d-dettalji relevanti, u jgħaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv.

54.3.5. Is-Sindku JC ressaq Ċirkolari SPI 1/2018 – Korsijiet Lifelong Learning 2018-2019.

54.3.5.1. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni f'din l-iskema bl-ispiża tkun il-massimu allokat f'din l-iskema (€1,000).

54.3.6. Is-Sindku JC ressaq Ċirkolari 2018/135 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li tirrigwarda l-parteċipazjoni tal-Kunsilli Lokali f'inizjattiva ta' Għoti ta' Demm matul l-attivitajiet tal-Kunsill.

54.3.6.1. Il-Kunsill qabel li jkun parteċipi.

54.3.7. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza riċevuta mis-sidien tax-Xatba Farmhouse fejn talbu għall-soluzzjoni sabiex jiġi devjat ilma tax-xita, sabiex ma jidħolx fil-propjeta' tagħhom.

54.3.7.1. Il-Kunsill qabel li s-sid jintalab jipproponi soluzzjoni.

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

54.4.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-ilment li daħal li jirrigwardja tpoġġija ta ħabel meta tkun ix-xita, fi Triq Ghar Dalam mal-isprall tal-ilma, biex jilqa iktar ilma tax-xita. Huwa żied ukoll li simili, qed isir fi Triq tal-Ġebel. Huwa ssuġġerixxa li jsiru *ċulverts* li jitfgħu l-ilma fil-widien.

54.4.1.1. Is-Sindku JC inform li din l-istrateġija bdiet. Huwa rrimarka li ttieħdu diversi miżuri fi Triq Tal-Ġebel biex l-ilma jinġabar mill-bdiewa u /jew jintefa fil-widien. Hu qal li ser ikun hemm xogħlijiet simili, fil-parti li baqa' ta' Triq Tal-Ġebel, fejn huwa suġġerit li jsir *ċulvert*, u hekk l-ilma jitnaqqas minn Triq iż-Żibra.

54.4.2. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku dwar il-possibilita' li l-moll tal-Bajja s-Sabiħa, jitneħħa kompletament.

54.4.2.1. Is-Sindku informa li ser jivverifika.

54.4.3. Il-Kunsillier AC staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi risposti fuq it-talbiet li kienu saru sabiex jiġi rranġat ir-*retention wall*.

54.4.3.1. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

54.4.4. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal Triq San Ġorġ u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-problema u soluzzjoni għall-ilma baħar.

54.4.4.1. Is-Sindku informa li bħalissa qed isiru s-servizzi, u eventwalment ikun jista' jsir il-proġett imwiegħed.

54.4.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-Impjant 31 ta' Marzu, u l-Impjant tal-Gass tal-Qajjenza, u staqsa ta' min huma.

54.4.5.1. Is-Sindku informa li dawn jappertjenu lil-Enemalta u fid-Depot 31 ta' Marzu huwa pjanat li jsir proġett miċ-Ċiniżi. Huwa informa li hemm diskussjonijiet fuq pjanijiet li jsir lparkeġġ taħt, ġnien fin-nofs, u imdawwar bi stabbilimenti kummerċjali, u Dar tal-Anzjani.

54.4.6. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-proċess ta' qtugħ ta' ħaxix ta' Triq Wied Has Saptan.

54.4.6.1. Is-Sindku wieġeb li dan inqata' diġa'.

54.4.7. Il-Kunsillier AC staqsa dwar stallazzjoni ta' bozza fi Triq il-Giligejla, fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-arblu tal-injam li hemm bżonn jinbidel mhuwiex tal-Enemalta.

54.4.7.1. Il-Kunsill qabel li l-bozza titwaħħal fuq l-arblu ta' wara.

54.4.8. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-progress tal-proġett tal-*iskatepark*.

54.4.8.1. Is-Sindku informa li l-proġett avvanza konsiderevolment u mistenni li jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

54.4.9. Il-Kunsillier AC irrefera għal Triq Mons. Spir Penza, u staqsa jekk tistax titnaddaf mir-rimi li hemm.

54.4.9.1. Is-Sindku informa li din titnaddaf kontinwament, u jekk hemm bżonn, terġa' ssir.

54.4.10. Il-Kunsillier AC staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar meta ser jitkompla l-proġett u eventwalment isir l-asfaltar ta' Triq San Patrizju.

54.4.10.1. Is-Sindku informa li għad m'ghandux skeda dettaljata.

54.4.11. Il-Kunsillier AC staqsa jekk jistgħux isiru l-parkeġġi fi Triq Wied il-Buni.

54.4.11.1. Is-Sindku JC talab lill-Kunsillier SZ iressaq rapport dwar il-vijabilita' li jsiru, u dan sabiex ma jintilfux spazji.

54.4.12. Il-Kunsillier AC staqsa dwar meta ser isir l-asfaltar f'Bengħisa.

54.4.12.1. Is-Sindku informa li jitlestew is-servizzi kollha, u jsir l-asfaltar.

54.4.13. Il-Kunsilliera LAG staqsiet dwar is-senjalazzjonijiet li baqa' jsir f'Birżebbuġa in segwitu għax-xogħol tat-trinka li saru mill-Enemalta, partikolarment fi Triq Birżebbuġa u Triq Żaren Dalli. Il-Kunsill qabel li jekk dawn ma jsirux, għandu jinżamm il-pagament dovut tal-Kuntrattur li kien ingaġġat għal tali xogħol.

54.4.14. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-miżura tal-baġit tal-Gvern relatata mar-riġenerazzjoni ta' Birżebbuġa, u staqsiet jekk hux ser isiru laqgħat ta' konsultazzjoni inkluż mal-pubbliku.

54.4.14.1. Is-Sindku informa li sa issa dejjem saru laqgħat ta' konsultazzjoni nkluż għall-pubbliku.

54.4.15. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-*Bring-in-Sites* tal-Qajjenza u għal fatt li qed jintrema skart fiż-żona. Hija staqsiet dwar laqgħa mal-Gwardjani Lokali sabiex possibilment isir iktar infurzar.

54.4.15.1. Is-Sindku informa li ser ikun qed jara l-proċeduri relatati.

54.4.16. Il-Kunsilliera JBD staqsiet meta ser issir il-laqgħa dwar it-Trasport Pubbliku.

54.4.16.1. Is-Sindku fakkar li l-laqgħa saret kif kien skedat, u li għaliha attenda s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier AC u li matula ġew diskussi numru ta' problemi.

54.4.16.2. Il-Kunsillier AC qal li fil-baġġit tal-Gvern Ċentrali hemm baggit allokat għal miljorament fir-rotot ta' Birzebbuga.

54.4.16.3. Il-Viċi Sindku qal li r-rotta għada bħal ma kienet 70 sena ilu, u li għalhekk trid tinbidel, minħabba li l-kwalita' żviluppat.

54.4.16.4. Il-Kunsill tkellem dwar il-possibilita' li ssir rotta ċirkolari.

54.4.16.5. Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa oħra dwar it-trasport pubbliku sabiex jiġu diskussi l-problemi.

54.4.17. Il-Kunsilliera JBD infurmat li bagħtet xi ilmenti b'ritratti li jindikaw bżonnijiet ta' manutenzjoni, u talbet aġġornament fuqhom.

54.4.17.1. Is-Segretarju Eżekutti informa li kull każ ta' manutenzjoni jiġi trattat u solvut. F'kaz li dan ma jkunx jista' jsir, is-segreterija tinforma.

54.4.18. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk il-lista ta' Bus-Shelters proposti sabiex jinbidlu, li ġiet ippubblikata fil-pubbliku, hux ser tiġi implimentata kollha.

54.4.18.1. Is-Sindku JC informa li mhux kollha jistgħu isiru, u dan għaliex numru ta' proposti saru mingħajr ma sar studju jekk attwalment dawn joqogħdux fl-ispazju disponibbli.

54.4.18.2. Is-Sindku fakkar li ser tinżamm laqgħa mill-AKL dwar il-bus shelters.

**NB – 19.40 – Il-Kunsilliera LAG talbet li tkun skużata.**

54.4.19. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku JC dwar possibilta' li grupp ta' voluntiera jagħmlu attivita' ta' tindif. Is-Sindku informa li attivitajiet bħal dawn isiru kontinwament u l-Kunsill jipprovdi materjal biex il-voluntiera ikunu jistgħu jaħdmu. Huwa talab lill-Kunsilliera JBD sabiex titlobhom javviċinaw l-uffiċċju amministrattiv.

54.4.20. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li f'xi ġonna, f'numru ta' okkażjonijiet kienu għadhom qed jintużaw boroż tar-riċiklaġġ, minflok il-boroż suwed.

54.4.20.1. Il-Kunsill qabel li l-Kuntrattur jiġi nfurmat.

54.4.21. Il-Kunsillier JBO tkellem dwar is-sitwazzjoni ta' ġbir ta' skart, fejn kien hemm rapporti li allegatament il-kollettur beda jħallat il-boroż bojod u suwed fl-istess ġabra.

54.4.21.1. Is-Sindku talab lill-Kunsillier JBO sabiex jagħmel il-verifika mal-Wasteserv, billi jitlob spezzjonijiet u rapporti.

54.4.22. Il-Kunsillier JBO staqsa dwar il-proċedura x'jiġri meta jaqgħu ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi.

54.4.22.1. Is-Sindku fakkar li dawn huma privati u jieħdu ħsiebhom is-sidien rispettivi. Huwa informa li meta jkun hemm każ hekk, il-Kunsill jirrapporta immedjatament lill-Pulizija.

54.4.23. Il-Kunsillier JBO staqsa dwar il-laqgħat li saru ma' Transport Malta vis-a-vis it-Trasport Pubbliku, u qal li kellha ssir laqgħa mal-Ministru.

54.4.23.1. Is-Sindku JC irrimarka li kein hemm proposta li ssir tali laqgħa mal-Ministru, izda ma jfissirx li din kellha ssir.

54.4.23.2. Il-Kunsill qabel li jekk ikun il-każ tissejjaħ laqgħa pubblika.

54.4.24. Il-Kunsillier JBO għamel referenza għall-Bus Shelters, u staqsa dwar żviluppi.

54.4.24.1. Is-Sindku informa li din il-materja diġa ġiet diskussa.

54.4.25. Il-Kunsillier JBO staqsa dwar progress fil-priminad tal-Qajjenza, vis-a-vis xogħlijiet.

54.4.25.1. Huwa kien infurmat li l-permess tat-taraġ ħareġ u issa wieħed għandu jistenna li jitlesta x-xogħol relevanti.

54.4.26. Il-Kunsillier SZ talab li l-Kunsill jingħata pjanta, kif ukoll il-*Bill of Quantities* tax-xogħlijiet li ser isiru fi Triq Tal Papa, u dan sabiex il-Kunsill ikollu l-informazzjoni ta' x'ser isir.

54.4.26.1. Il-Kunsill qabel li ssir it-talba.

54.4.27. Il-Kunsillier SZ staqsa f'liema stadju qeda r-reviżjoni tal-Pjan Lokali.

54.4.27.1. Is-Sindku informa li ser jivverifika mal-Konsulent tal-Kunsill jekk hemmx tali pjanijiet ta' reviżjoni, u l-istadju relevanti.

54.4.28. Il-Kunsillier SZ irrimarka li fil-port il-kbir tpoġġa *seabin*, bil-għan li jiġbor skart mill-baħar. Huwa staqsa dwar il-possibilita' li tali proġett jintalab ukoll għall-baħar ta' Birżebbuġa.

54.4.28.1. Il-Kunsill qabel li ssir riċerka dwar din il-possibilita'.

54.4.29. Il-Kunsillier SZ informa li fl-20 ta' Novembru fid-9.00am ser issir laqgħa mal-Viċe–Squad u Ġenituri ġewwa s-sala tal-iskola, u ssuġġerixxa li l-Kunsill joffri xi bibiti.

54.4.29.1. Il-Kunsill qabel.

54.4.30. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk intbagħatx ir-rapport lill-Era dwar likwidi li qed jiskulaw, innutat kemm waqt ix-xogħlijiet li qed isiru f'Dawret Qalb Imqaddsa, kantuniera ma' Triq San Ġorġ, kif ukoll f'diversi postijeit matul ix-xtajta.

54.4.30.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jivverifika.

54.4.31. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar diversi materji pendenti ma' Transport Malta, fosthom *Traffic Management* ta' Triq ir-Raddiena, approvazzjoni ta' Hawker Stand f'Misraħ is-Summit.

54.4.31.1. Huwa kien infurmat li dawn il-pendenzi qed jiġu segwiti mill-Uffiċċju Amministrattiv.

54.4.32. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-ħruġ ta' skart b'mod abbużiv u staqsa dwar min huwa responsabbli fil-preżent fejn hemm appartamenti, u jekk hux l-amministratur.

54.4.32.1. Is-Sindku informa l-amministratur huwa fil-preżent responsabbli mill-bieb il-ġewwa, pero' possibilment ikun hemm kambjament fil-liġi dwar dan.

54.4.33. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għaż-żbir ta' siġar li qed isir bħalissa mill-Kuntrattur tal-Kunsill, u talab lis-Sindku sabiex jieħu ħsieb is-siġar fi Ġnien il-Kunsill Lokali, u dawk ta' Triq San Patrizju.

54.4.34. Il-Kunsillier SZ irrimarka li fil-kmamar tal-Kunsill hemm l-*earth elecṫrode* tal-*maisonettes*, u talab lill-Kunsill sabiex jittieħdu l-passi sabiex din tinħareg mill-post fejn qegħda u tkun iktar ACċessibbli għall-utenti, mingħajr restrizzjonijiet.ż

54.4.34.1. Il-Kunsill qabel li tiġi evalwata din l-alternattiva.

54.4.35. Il-Kunsillier SZ irrimarka li qed jipprepara rapport b'lista taz-*zebra ċrossings* fil-lokalita', u possibilment b'aġġustamenti li jridu jsiru f'dan ir-rigward, liema rapport ser jitressaq sal-laqgħa li jmiss.

54.4.36. Il-Viċi Sindku staqsa dwar xogħlijiet / awtorizzazzjonijiet pendenti minn Transport Malta, fosthom *Zebra Crossings* fi Triq il-Port Ħieles, approvazzjoni ta' sistema ta' traffiku fi Triq Santa Rita kantuniera ma' Triq Sant'Anġlu, approvazzjoni ta' *Road Hump* fi Triq San Gużepp.

54.4.36.1. Huwa kien infurmat li saret talba lil-Awtorita' imsemmija sabiex dawn il-materji jiġu mogħtija l-attenzjoni neċessarja.

54.4.37. Il-Viċi Sindku tkellem dwar talba għal spazju riservat fi Triq De Redin, fejn il-klijent għadu ma rċevix risposta minn Transport Malta u ghalhekk talab li jintbagħat *reminder*.

54.4.38. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-progress għax-xogħol fi Triq il-Brolli.

54.4.38.1. Huwa kien infurmat li l-Kunsill qed jistenna konferma uffiċjali mill-Water Serviċes li ser isir id-drenaġġ.

54.4.39. Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-asfaltar ta' Triq il-Qroll, liema xogħol għadu ma bediex mill-kuntrattur.

54.4.39.1. Il-Kunsill qabel li jekk il-Kuntrattur ma jimmobilizzax u jibda x-xogħlijiet, għandha tinġibed il-garanzija bankarja.

## 54.5 Rapporti;

54.5.1. Is-Sindku JC ressaq id-dokument li jirregola l-ispazju ta' manutezjoni tad-dgħajjes, fACċata tal-*winċh room* li kien iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

54.5.1.1. Il-Kunsillier SZ ippropona li jiddaħħlu klawżoli li jirregolaw is-Saħħa u s-Sigurta', dettalji tal-Koordinatur, li min juża l-ispazju ikun responsabbli, u li jiġu osservati liġijiet oħra applikabbli.

54.5.1.2. Il-Kunsill approva r-rapport bil-proposti tal-Kunsillier SZ unanimament.

54.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju tat-tielet (3) kwart tas-sena, li kien iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

54.5.2.1. Il-Kunsill approva r-rapport unanimament.

54.5.2.2. Il-Kunsillier SZ talab li jingħata dettalji dwar l-i*Sponsorhsips* li nġabru matul is-sena.

54.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-kuntratt propost mill-WasteServ fir-rigward tar-rimbors tal-ġabra tal-iskart organiku, li ġie iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie ikkunsidrat bħala moqri.

54.5.3.1. Il-Kunsill Approva l-firma tal-kuntratt unanimament.

54.5.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Memorandum of Understanding mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fir-rigward tal-Ħaddiema Assenjati, Devoluzzjoni tal-Bereġ, u Integration Ċharter.

54.5.4.1. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu studjati sewwa, u jiġu diskussi fil-laqgħa li ġejja.

54.5.5. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-abbozz tal-estimi finanzjarji għas-sena 2019 , li ġie iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie ikkunsidrat bħala moqri.

54.5.5.1. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut, u qabel li kull suġġeriment għandu jitbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva li l-estimi jitressqu fil-laqgħa annwali, u sussegwentament jiġu diskussi u approvati fil-laqgħa tal-Kunsill ta' wara.

54.5.5.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali issir fit-3 ta' Diċembru, fis-6.00pm.

## 54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

54.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

54.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 10/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

54.7.1.1. Il-Kunsill qabel li jinżamm il-pagament ta' V&C Contractors Ltd u dan sakemm ilesti ix-xogħolijiet taż-żebgħa tat-triq li kellu jagħmel.

54.7.1.2. Il-Kunsill innota pagament numru 88, u qabel li għalkemm dan naqas mis-sena l-oħra, xorta għad hemm il-lok li jonqas fis-snin li ġejjin .

54.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier AC , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

54.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Ċash* għal Settembru 2018 bir-riferenza 09/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

54.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier AC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

54.7.3. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Ċash* għal Ottubru 2018 bir-riferenza 10/2018 (Anness Dok A3), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

54.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier AC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

54.7.4. Is-Sindku JC ippreżenta stima għall-manutenzjoni tal-bandli ta' Mons Giużeppi Minuti.

54.7.4.1. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir il-manutenzjoni relevanti, suġġetta għall-kwotazzjonijiet.

54.7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet għall-xiri ta' uniformijiet tal-impjegati tal-uffiċċju.

54.7.5.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw.

54.7.6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-istima preliminari tal-ħwat tal-qsari għall-prominad tal-Qajjenza laħqet is-sitt elef ewro, għaldaqstant ser ikun qed jirrivedi t-tip ta' ħwat, u toħroġ sejħa.

**NB 8.30 pm Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi estiża b'siegħa.**

## 54.8 Mozzjonijiet;

54.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 54.9 Attendenza tal-Kunsillier Johann Borg;

54.9.1. Is-Sindku JC informa dwar l-attendenza tal-Kunsillier Johann Borg, li naqas milli jattendi għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur.

54.9.2. Il-Kunsill qabel li n-nuqqas t'attendenza tal-Kunsillier JBO hija ġustifikata, u għaldaqstant il-Ministru għandu jkun infurmat sabiex ma jiddikjarax il-post vakanti.

## 54.10 Traffiku u Parkeġġ;

54.10.1. Il-Kunsillier SZ ressaq proposta għall-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Tal-Gebel k/m Triq ir-Raddiena.

54.10.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li din il-proposta tiġi sospiża sakemm il-Kunsill ikollu risposta dwar it-talba li saret lil Transport Malta sabiex tinbidel ir-direzzjoni tat-traffiku preżenti.

54.10.2. Il-Kunsillier SZ ressaq proposta għall-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq il-Brolli.

54.10.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għal-linji sofor fil-parti d-dejqa, bejn Triq Santa Rita u t-trejqa ta' wara s-St John Ambulance.

54.10.3. Il-Kunsill tkellem dwar parkeġġ tal-*Elettriċ Vehiċle*.

54.10.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ppropona li ssir talba sabiex titneħħa waħda minn Triq is-Sajjied, u minflok issir waħda fil-parkeġġ ta' San Ġorġ.

54.10.3.2. Il-Kunsill qabel li jintalab numru ta' kemm huwa stmat li jsiru minn dawn il-parkeġġi, u li qabel ma jsiru tali parkeġġi għandu jintalab l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill.

54.10.4. Il-Kunsill tkellem dwar l-għeluq ta' Triq Żarenu Dalli fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola. Il-Kunsill innota suġġeriment riċevut sabiex Triq San Mikiel iddur il-*one way*.

54.10.4.1. Il-Kunsill ma qabilx dwar bdil fid-direzzjoni ta' Triq San Mikiel minħabba periklu li jinħoloq għas-sewwieqa.

54.10.4.2. Il-Kunsill qabel li waqt il-ħinijiet imsemmija, Triq Żarenu Dalli tingħalaq minn Triq it-Tankijiet kif isir nhar ta' Ħamis minħabba l-Monti, u jidħlu biss trasport uffiċjali tal-iskola.

54.10.5. Il-Kunsill tkellem dwar proposta ta' twaħħil ta' *bollards* fix-xatt ta San Gorg, sabiex jigu delinati bankini u jigi ristrett il-parkeġġ abbużiv.

54.10.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fil-prinċipju, u għaldaqstant qabel li ssir pjanta għall-verifika, u sussegwentament tintbagħat applikazzjoni lil Transport Malta.

54.10.5.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jitwaħħlu iktar tabelli tat-traffiku applikabbli.

54.10.6. Il-Kunsillier SZ ressaq dwar proposta sabiex Triq il-Bandli issir "No Entry Exċept for Residents".

54.10.6.1. Il-Kunsill, eskluż il-Viċi Sindku JB, qabel dwar dan is-suġġeriment u għaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbagħat it-talba lill-Transport Malta.

## 54.11 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

54.11.1. Il-Kunsill innota applikazzjoni PA 8813/18, li tirrigwarda sanzjonar ta' bini f'Hal Far.

54.11.1.1. Il-Kunsill innota u ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

54.11.2. Il-Kunsill innota applikazzjoni PA 9206/18, Publiċ Serviċe Garage.

54.11.2.1. Il-Kunsill innota l-applikazzjoni u qabel li ssir oġġezzjoni kif sar għall-applikazzjonijiet simili fil-passat.

54.11.3. Il-Kunsill innota applikazzjoni PA 9304/18, Publiċ Serviċe Garage.

54.11.3.1. Il-Kunsill innota l-applikazzjoni u qabel li ssir oġġezzjoni kif sar għall-applikazzjonijiet simili fil-passat.

54.11.4. Il-Kunsill innota applikazzjoni aġġustmanet sottomess fuq PA 9200/17, ġnien f'Wied il-Buni u parkeġġ.

54.11.4.1. Il-Kunsill innota l-aġġustamenti sottomess, fosthom *deċking*, kmamar u *reservoirs*, li huma fil-prinċipju posittivi, u tnaqqios ta' parkeġġ, li huwa fil-prinċipju negattiva

54.11.4.2. Il-Kunsill madankollu innota li fil-prinċipju, il-Kunsill u l-poplu irid iktar parkeġġ, u għahekk għandu jżomm mas-sottomissjoni oriġinali tiegħu.

54.11.4.3. Il-Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jiddedika fond u jibda x-xogħol hekk kif oriġinarjament maqbula mill-Kunsill.

## 54.12 Street Lighting;

54.12.1. Il-Kunsill iddiskuta d-dawl fil-Pjazza ta' Bengħisa, u qabel li dan għandu jiżdied, permezz ta' stallazzjoni ta' bozza fuq arblu eżistenti

54.12.2. Il-Kunsillier SZ ippropona li ssir lampa ġdida fuq arblu fi Triq Ta' Mose'.

54.12.2.1. Il-Kunsill qabel li ssir verifika fuq il-post, u dan sabiex possibilment jiġi frankat l-arblu.

## 54.13 Attivitajiet tal-Kunsill;

54.13.1. Il-Kunsill tkellem dwar il-kunċert li jiġi organizzat mill-Kunsill fi żmien il-Milied.

54.13.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jiltaqa' l-Kumitat organizzattiv flimkien mas-Sindku.

## 54.14 Offerti Pubbliċi;

54.14.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq abbozz tal-offerta għall-servizz ta' *handyman* li ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie ikkunsidrat moqri.

54.14.1.1. Il-Kunsill approva unanimament.

54.14.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq abbozz tal-offerta għall-servizz ta' perit li ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie ikkunsidrat moqri.

54.14.2.1. Il-Kunsill approva unanimament.

54.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq abbozz tal-offerta għall-xogħlijiet ta' bankini, xogħlijiet ċivili u anċillari.

54.14.3.1. Il-Kunsill approva unanimament.

54.14.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li sar mill-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta għall-Servizz ta' Gbir ta' Skart.

54.14.4.1. Il-Kunsill laqa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla, li rrakomanda li l-offerta tingħata lill-irħas offerent konformi mar-rekwiżiti mitluba, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipproċedi bil-kuntratt.

54.14.5. Is-Sindku JC ressaq ir-rapport li sar mill-Bord tal-evalwazzjoni tal-Offerta SUPPLY, INSTALLATION, TESTING AND ĊOMMISSIONING LANDSĊAPE LIGHTING AT PRETTY BAY, BIRZEBBUGA.

54.14.5.1. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla, u approva li l-offerent jingħata l-offerta, suggetta għall-Works Orders relevanti, skont il-każ.

## 54.15 Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv;

54.15.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-bżonn li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Tressqet proposta sabiex is-Sur Dunċan Hall jiġi maħtur sabiex jokkupa din il-kariga.

54.15.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 54.16 Rimi tal-Vettura tal-Kunsill;

54.16.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif maqbul, il-vettura tal-Kunsill ġiet *sċrapped*. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li din għanda tinqata' mir-reġistru tal-assi tal-Kunsill.

## 54.17 Tismija ta' Toroq;

54.17.1. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li l-Kunsill jipproponi ismijiet għall-tismija ta' toroq fiż-żona tal-Girgħien.

54.17.1.1. Il-Kunsill qabel li l-ismjiet jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv.

## 54.18 Xibka tal-Grawnd tal-Bajja s-Sabiħa;

54.18.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li x-xibka l-antika li inqalgħet mill-Grawnd tal-Bajja s-Sabiħa tinsab maħżuna għand l-Enemed. Huwa fakkar li ritratti tal-materjal intbagħtu lill-Kunsilliera.

54.18.1.1. Il-Kunsill qabel li tali xibka tista' tiġi offruta għax-xiri minn terzi, u sussegwentament, awtomatikament tinqata mill-assi tal-Kunsill.

## 54.19 Trasport Pubbliku;

54.19.1. Din il-materja ġiet diskussa qabel, taħt il-materja Twegibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 54.20 Progetti u Xogholijiet;

54.20.1. Is-Sindku ppropona li jsir il-pont ta' bejn il-ħanut Ċountry Style u l-kumplament tal-*prominade.*

54.20.1.1. Il-Kunsill approva li dan isir skont kif inhu indikat fil-*masterplan.*

54.20.2. Is-Sindku ippropona li, sabiex tittaffa parti mill-problema tal-ilma qiegħed fit-tarf tal-Bajja s-Sabiħa (in-naħa ta' Misraħ is-Summit) togħla ir-rampa li fil-preżent qed iżżomm ħafna ilma.

54.20.3.

54.20.3.1. Il-Kunsill approva li jiġi ingaġġat il-perit tal-Kunsill iħejji d-disinni u l-istimi neċessarji, u sussegwentament isir ix-xogħol.

## 54.21 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.21.1. Il-laqgħa intemmet fit-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn l-10 ta' Diċembru, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 10 ta' Diċembru, 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Joseph Ċutajar<br>Sindku | Svetliċk Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |